MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 286/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Falzon talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-fond 'Joe Mary House', Triq Nicolo Isouard, Mosta, nhar id-19 ta' Gunju 2003 u matul ix-xahar ta' Gunju 2003 u fix-xhur ta' qabel Gunju 2003, zamm bhejjem tal-fart u cioe` tliet zwiemel, u dan wara li wiehed mill-girien ghamel oggezzjoni minhabba li ghandu mard fid-dar, jew ghal xi raguni tajba ohra, jew inkella wara li gejt imwissi mill-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena applikabbli ghal din il-kontravvenzjoni, ghandha turbot lill-hati, meta jkun hemm lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saret il-kontravvenzjoni, jew skond ic-cirkostanzi li jesegwixxi l-ligi, fi zmien sufficjenti moghti lilu ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti, u jekk il-hati jonqos li jesegwixxi dak l-ordni fi zmien hekk lilu moghti, jehel piena ta’ ammenda ta’ mhux anqas minn zewg liri (Lm2) u mhux aktar minn ghaxar liri (Lm10) kif il-Qorti tistabilixxi, ghal kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Awissu 2006 li permezz taghha l-imsemmi Joseph Falzon instab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta, gie kkundannat ghal *ammenda* ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25) u ordnat sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza inehhi l-inkonvenjent imsemmi u fin-nuqqas ikun hati ta’ reat u jehel, meta jinsab hati, *ammenda* ta’ zewg liri (Lm2) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Falzon ipprezentat fit-30 ta’ Awissu 2006;

Rat li fis-seduta tallum stess assumew il-patrocinju ta’ l-appellant l-Avukat Dott. Kris Busietta u l-Avukat Dott. Jason Azzopardi li ssollevaw in-nullita` tas-sentenza appellata peress illi l-appellant instab hati a tenur ta’ artikolu tal-ligi abrogat;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-kwistjoni mqajma fis-seduta tallum dwar in-nullita` tas-sentenza appellata. Jinghad l-ewwelnett illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub**

**hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Mill-artikoli citati fis-sentenza appellata, l-uniku artikolu li kien jikkontempla reat huwa l-artikolu 125 tal-Kap. 10, liema artikolu pero` gie revokat bis-sahha ta' l-artikolu 50 ta' l-Att XXV tas-sena 2001 (Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta), citat ukoll mill-ewwel Qorti. Permezz ta' dak l-artikolu wkoll baqghu fis-sehh ir-regolamenti li saru bis-sahha ta', fost ohrajn, l-istess artikolu 125 izda mhux ukoll l-imsemmi artikolu 125.

Skond il-gurisprudenza nostrana, ic-citazzjoni ta' artikolu hazin huwa ekwiparabbli man-nuqqas ta' citazzjoni ta' l-artikolu li jikkontempla r-reat in kwistjoni. Konsegwentement is-sentenza appellata ghandha titqies nulla u bla ebda effett ghax difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tiddecidih l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------